Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2146(DEC)

27.1.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew
(2025/2146(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Raquel García Hermida-Van Der Walle

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi huma valuri fundamentali tal-UE kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-attivitajiet kollha tagħha skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;

B. billi skont l-Artikolu 249, il-Bureau għandu jadotta pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneru biex jintegra perspettiva tal-ġeneru fl-attivitajiet kollha tal-Parlament;

C. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-parteċipazzjoni ugwali u sinifikanti tan-nisa fit-tfassil kollu tal-politika huma prekundizzjoni għall-funzjonament tajjeb ta' demokrazija; billi n-nisa bħalissa jokkupaw 39 % tas-siġġijiet fil-Parlament, meta mqabbla ma' 27 % fil-parlamenti nazzjonali madwar id-dinja; billi n-nisa għadhom sottorappreżentati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; billi l-elezzjonijiet tal-2024 reġġgħu lura l-kisbiet preċedenti minħabba li ġew eletti 278 mara, li huwa ftit inqas mill-2019, kif ukoll l-ewwel darba li kien hemm tnaqqis mill-1979; billi l-bilanċ bejn il-ġeneri fost id-delegazzjonijiet nazzjonali għall-Parlament ivarja b'mod sinifikanti, u dan jindika inugwaljanzi persistenti madwar l-Istati Membri;

D. billi l-politiċi nisa jiffaċċjaw livelli ogħla ta' mibegħda, fastidju u intimidazzjoni mill-kontropartijiet irġiel tagħhom, speċjalment meta jkunu żgħażagħ u meta jippromwovu d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi dan spiss jinkludi abbuż abbażi tal-ġeneru u diżinformazzjoni mmirata dwar il-ġeneru – li hija diżinformazzjoni mmirata apposta kontra n-nisa, speċjalment dawk li huma viżibbli fil-ħajja pubblika – u theddidiet għas-sikurezza tagħhom; billi dawn l-attakki joħolqu ostakli sinifikanti għall-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fil-ħajja politika; billi dan ifixkel il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u b'hekk idgħajjef id-demokraziji tagħna billi jagħmilhom inqas rappreżentattivi;

E. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati f'xi kumitati u rrappreżentati żżejjed f'oħrajn; billi fil-Parlament in-nisa bħalissa jippresiedu sebgħa mill-24 kumitat u sottokumitat permanenti, inklużi xi wħud li tradizzjonalment huma ddominati mill-irġiel; billi mit-48 delegazzjoni tal-Parlament, 11 biss huma ppreseduti minn nisa; billi mill-1979 kien hemm 31 President tal-Parlament, li tlieta minnhom biss kienu nisa; billi s-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija fl-ogħla livell istituzzjonali tal-UE għadha kwistjoni ta' tħassib; billi sebgħa mill-14-il Viċi President tal-Parlament huma nisa, li jirrappreżenta 50 % ta' dawn il-pożizzjonijiet ta' tmexxija għolja;

F. billi l-Parlament għadu ma stabbilixxiex liv tal-paternità u liv tal-ġenituri għall-Membri, minkejja li ħa l-pass promettenti li jippermetti d-dritt tal-votazzjoni bi prokura għall-

Membri nisa qabel u wara l-ħlas;

G. billi l-istandards tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi ħdan il-Parlament għandhom japplikaw ukoll għall-persunal tiegħu; billi jeżistu inugwaljanzi fil-progressjoni tal-karriera, fl-iskali tas-salarji u fis-sigurtà tal-impjieg għall-persunal, għall-assistenti parlamentari akkreditati u għat-trainees; billi l-Parlament, bħala istituzzjoni awtonoma u impjegatur, għandu r-responsabbiltà li jiżgura li l-amministrazzjoni interna, il-politika tal-persunal, il-qafas kontra l-fastidju u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu jipprevjenu u jindirizzaw b'mod effettiv id-diskriminazzjoni u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

H. billi l-Parlament għandu wkoll imexxi bl-eżempju fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; billi, bħala eżempju, il-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-kampanja globali "Orange the World", inkluża l-illuminazzjoni simbolika tal-bini tal-parlament u l-wiri ta' bnadar oranġjo, isservi bħala eżempju wieħed tal-impenn tiegħu li jtemm il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, u li jirrikonoxxi l-importanza li titqajjem kuxjenza pubblika u li l-Parlament jintuża bħala pjattaforma kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

1. Jilqa' l-progress imwettaq fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2025; jitlob li dan il-pjan ta' azzjoni jsir pubbliku u jiġi implimentat malajr permezz tal-pjan direzzjonali tiegħu dwar il-ġeneru u jiġi vvalutat bir-reqqa b'rapporti regolari li jimmonitorjaw il-progress li jkun sar; jiddispjaċih li l-parti l-kbira tal-miżuri inklużi huma fformulati bħala prinċipji mingħajr miri u obbligi ċari; iħeġġeġ ibbaġitjar konsistenti skont il-ġeneru fil-baġit tal-Parlament u biex tiġi inkorporata gwida dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jilqa' l-ħidma tan-Network għall-Integrazzjoni tal-Perspettiva tal-Ġeneri fil-Parlament; jitlob ukoll li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-kumitati parlamentari kollha; jenfasizza l-importanza tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-proċess tan-negozjar tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid;

2. Itenni s-sejħa tiegħu biex il-Parlament jitlob awditu biex jitwettaq immappjar tas-sitwazzjoni attwali f'termini tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex isiru rakkomandazzjonijiet kemm fuq il-lat politiku kif ukoll dak amministrattiv tal-attivitajiet tal-Parlament; jenfasizza li dan l-awditu għandu jkopri l-oqsma u l-indikaturi kollha żviluppati fis-sett ta' għodod "Parlamenti sensittivi għall-ġeneru" tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u jidentifika r-regoli li jiffaċilitaw jew jimblukkaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'kull aspett analizzat bil-għan li jorjenta l-pjan direzzjonali futur dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

3. Jistieden lill-President tevalwa t-tnaqqis fl-għadd tal-Membri nisa fl-2024 u tiffinanzja kampanji li jħeġġu lin-nisa jidħlu fil-politika tal-UE; iħeġġeġ lill-partiti nazzjonali jadottaw miżuri bbilanċjati bejn il-ġeneri, bħall-ordni alternattiva tal-irġiel u n-nisa fuq il-lista (zipping) u/jew il-kwoti tal-ġeneru, sakemm tintlaħaq il-parità; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-regoli għall-iżgurar tal-bilanċ bejn il-ġeneri fir-rwoli ta' tmexxija politika; jiddispjaċih għan-nuqqas ta' data kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE lil hinn mid-data dwar l-għadd ta' nisa f'pożizzjonijiet differenti; jitlob, għalhekk, li tinġabar statistika komprensiva diżaggregata skont il-ġeneru; jimpenja ruħu li joħloq

indikaturi kwalitattivi dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri biex itejjeb il-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u jkompli jtejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

4. Jappella għal regoli aktar stretti biex jiġu miġġielda u evitati d-diskors ta' mibegħda bejn il-ġeneri u d-diżinformazzjoni dwar il-ġeneru; jinnota b'dispjaċir ir-rati għoljin ta' fastidju kontra l-assistenti parlamentari akkreditati, inkluż il-fastidju sesswali; itenni li politika ta' tolleranza żero kontra l-fastidju hija meħtieġa biex tipproteġi l-benesseri tal-persunal u hija dmir ta' kwalunkwe impjegatur; jitlob appoġġ emozzjonali u legali mmirat għall-assistenti parlamentari akkreditati, il-membri tal-persunal, it-trainees u l-Membri kkonfrontati b'fastidju, intimidazzjoni u mibegħda; jitlob qafas imsaħħaħ għat-tressiq tal-ilmenti u t-trattament f'waqtu tat-tilwim dwar il-fastidju; jappella għal mekkaniżmu indipendenti u awditu estern kontra l-fastidju; jitlob li l-Bureau tal-Parlament ikompli jirriforma r-regoli tal-Parlament dwar il-fastidju billi jirrikorri għal esperti esterni u indipendenti u awditu estern fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fastidju u l-Prevenzjoni tiegħu fuq il-Post tax-Xogħol u jkabbar il-grupp ta' psikologi u l-mekkaniżmi ta' appoġġ li l-vittmi jistgħu jaċċessaw;

5. Jisħaq li l-Membri nisa li huma razzjalizzati, żgħażagħ, femministi, LGBTIQ+ jew minn sfondi ta' minoranza jiffaċċjaw livelli sproporzjonati ta' vjolenza diġitali u politika u jirrikjedu miżuri protettivi mmirati;

6. Jistieden lill-kumitati jistinkaw għal bilanċ aħjar bejn il-ġeneri, inkluż fil-kompożizzjoni tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija; jistieden lill-President u lill-Bureau jiżguraw rappreżentanza orizzontali u bilanċ bejn il-ġeneri matul il-proċedimenti plenarji kollha, fost il-kumitati u d-delegazzjonijiet; jistieden lill-gruppi jqisu l-ġeneru, u jinfurzaw il-kwoti tal-ġeneru, għall-ħatra tal-koordinaturi, tar-rapporteurs, tax-shadow rapporteurs u għad-distribuzzjoni tal-ħin għad-diskorsi; jitlob li jiġu stabbiliti miżuri biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi orizzontali biex jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-kumitati differenti; iħeġġeġ l-inklużjoni ta' aktar irġiel fil-Kumitat FEMM, inklużi dawk li jappoġġjaw b'mod attiv l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala alleati, biex titrawwem responsabbiltà kondiviża u jissaħħaħ l-impenn tal-irġiel li jippromwovu l-ugwaljanza fil-prattika għan-nisa u l-bniet u biex tintemm il-konċentrazzjoni tal-portafolli abbażi tal-ġeneru;

7. Jitlob li jittieħdu passi biex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol "favorevoli għan-nisa" billi jinbidlu l-prattiki tax-xogħol androċentriċi u jiġi miġġieled il-fastidju;

8. Jilqa' l-pożizzjoni dwar il-votazzjoni bi prokura għall-Membri nisa qabel u wara l-ħlas; jitlob li l-votazzjoni bi prokura tiġi estiża għall-ġenituri l-ġodda kollha u li jiġi stabbilit liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri ugwali u mhux trasferibbli għall-Membri;

9. Jilqa' l-impenn tal-Parlament għall-ugwaljanza u jfaħħar l-appoġġ tiegħu għal kwistjonijiet ta' politika ewlenin bħad-drittijiet tal-votazzjoni bi prokura għall-Membri nisa qabel u wara l-ħlas; jitlob li l-isforzi biex jiġi żgurat bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-persunal jingħataw prijorità u jissaħħu aktar, u li jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi implimentat id-dritt għall-iskonnessjoni;

10. Jinnota b'dispjaċir ir-rati għoljin ta' fastidju fil-konfront tal-assistenti parlamentari akkreditati, inkluż il-fastidju sesswali; jitlob qafas imsaħħaħ għat-tressiq tal-ilmenti u t-trattament f'waqtu tat-tilwim dwar il-fastidju;

11. Jistieden lill-Bureau u lis-Segretarju Ġenerali jippreżentaw data diżaggregata skont il-ġeneru dwar il-persunal, il-karigi maniġerjali superjuri u intermedji, it-tipi ta' kuntratti, it-telexogħol u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kif ukoll miżuri kontra l-fastidju u l-eżiti tal-ilmenti fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Parlament, bil-ħsieb li jiġu identifikati u kkoreġuti l-inugwaljanzi; jitlob li jiġu stabbiliti miri ċari u marbuta biż-żmien biex jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli maniġerjali kollha fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Parlament, inklużi d-diretturi ġenerali u l-kapijiet tal-unità;

12. Jirrikonoxxi li l-Parlament iservi bħala pjattaforma għal wirjiet u avvenimenti pubbliċi li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bħall-kwistjonijiet ta' saħħa mentali, irawmu d-djalogu, is-sensibilizzazzjoni, u r-rappreżentanza inklużiva fl-istituzzjoni kollha u mal-pubbliku ġenerali; jinnota f'dan ir-rigward l-organizzazzjoni ta' ċerimonja ta' koronazzjoni li tonora lin-nisa li jiġġieldu l-kanċer; jistieden lill-President jeżerċita kawtela dwar il-finanzjament ta' inizjattivi li jmorru kontra l-valuri tal-Unjoni Ewropea; jilqa' l-użu tal-Parlament bħala pjattaforma għas-sensibilizzazzjoni dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika; jisħaq fuq l-importanza li l-missjonijiet tal-UE u tal-Parlament jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inklużi dawk li jipprovdu appoġġ, protezzjoni, u servizzi essenzjali lin-nisa u l-bniet li huma vittmi ta' vjolenza sesswali f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara kunflitt; jilqa' l-inizjattivi tal-Parlament dwar il-Ġimgħa tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Jum Internazzjonali tan-Nisa;

13. Jisħaq fuq l-importanza tad-disponibbiltà tal-prodotti mestrwali tan-nisa biex jappoġġjaw lill-Membri u lill-persunal; jappella għal aċċessibbiltà mtejba fi ħdan il-Parlament għall-Membri, il-persunal u l-viżitaturi b'diżabilità, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u l-bniet, inkluż għaż-żoni pubbliċi kollha.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fl-opinjoni tagħha ma inkludiet ebda kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	27.1.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 –: 8 0: 3

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

22	+
PPE	Ewa Kopacz, Verena Mertens, Mirosława Nykiel, Giusi Princi, Maria Walsh
Renew	Abir Al-Sahlani, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Lucia Yar, Dainius Žalimas
S&D	Gabriela Firea, Heléne Fritzon, Lina Gálvez, Maria Noichl, Joanna Scheuring-Wielgus, Cecilia Strada, Marko Vešligaj
The Left	Hanna Gedin, Irene Montero, Carolina Morace
Verts/ALE	Mélissa Camara, Alexandra Geese, Benedetta Scuderi

8	-
ECR	Beatrice Timgren
ESN	Christine Anderson
NI	Fernand Kartheiser
PfE	Mathilde Androuët, Mireia Borrás Pabón, Elisabeth Dieringer, Margarita de la Pisa Carrión, Anders Vistisen

3	0
ECR	Chiara Gemma
NI	Judita Laššáková
PPE	Rosa Estaràs Ferragut

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni